

IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

ANTIK TESTMENT

# LOT JEHLES MILL-KASTIG

Alla kellem lil Abram u qallu: " In-nies ta' Sodoma u Gomorra dimbu u dimbu bil-kbir. Jiena issa ser nibghat il-kastig tieghi fuqhom."



U Abram resaq lejn Alla u qallu: " Inti ser tikkastiga lit-tajbin mal-hziena? Jekk fil-belt ikun hemm hamsin ruh tajba, ma tehlisx lil belt biex dawn ma jinqerdux mal-hziena? Jiena naf li inti gust u ma teqridx it-tajbin ma' dawn li qed jimxu fit-triq il-hazina."

U Alla wiegbu: " Jekk kif qed tghid inti jiena nsib dawn il-hamsin ruh tajba fil -belt ta' Sodoma, jiena nehlisha mill-kastig minhabba fihom."

U Araham reag' qallu: " Nerga' nazzardi nitkellem ma' Alla tieghi, ghalkemm jiena ma hux hlief trab ta' l-art. Jekk ikun hemm jimsin nieqes hamsa, teqred inti il-blet minhabba hamsa inqas?"



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

"Le ma neqdridiex  jekk insib 45."

"Jekk jinstabu bis 40"

"Le minhabba l-40 ma neqridiex."

" O Alla tieghi tinkurlax jekk il-qaddej tieghek jistaqsik u jghidlek jekk ikun hemm tletin tajba?"

" Le minhabba dawk it-tletin ma neqridx il-belt".

" Ara ja Sidi nerga' nistaqsik, jekk ikun hemm 20?"

"Nerga' nghidlek le ma neqridhiex ghal 20."

"U jekk ikun hemm 10?"

"Anqas minhabba f'dawk l-10."

U Alla telaq ghax hadd ma instab li kien rett u tajjeb.

Zewg angli taht id-dehra ta' bnedmin gew filghaxija gewwa Sodoma hekk kif Lot kien bilqieghed hdejn il-bieb tal-belt. Hekk kif Lot rahom resaq fuqhom, baxxa rasu sa l-art b'sinjal ta' rispett u stedinhom biex jidhlu gewwa daru halli jghaddu l-lejl hemm u imbaghad l-ghada jkunu jistghu jkomplu triqathom.

" Le wegbuh irridu nghaddu l-lejl fit-triq."  Imma huwa tant issikhom li dahlu gewwa daru u offrilhom ikel biex jitrejqu.

Imma qabel ma dawn setghu jimteddu biex jistriehu, in-nies ta' Sodoma dawru dawra mejt id-dar ta' Lot u qalulu biex johrog lil dawk in-nies li gew gewwa daru halli jkunu jistghu jumiljawhom.



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

Lot hareg fid-dahla ta' daru u ghalaq il-bieb. Dar lejn dik ic-corma nies u qalilhom: " Nitlobkom hbieb li ma taghmlulhomx hsara. Huma qeghidn taht il-protezzjoni tieghi."



Ic-corma nies wegbitu lura: " Warrab minn nofs ghax inkella naghmlu aktar hsara lilek." Huma tentaw li jkissru l-bieb. Iz-zewg angli libsin ta' bnedmin qabdu lil Lot u dahhluh gewwa u sakkru l-bieb. Huma imbaghad darbu lin-nies ta' madwar id-dar billi ma hallewhomx jaraw aktar u fittxew kemm fittxew ma setghu isibu lil hadd u xejn.

Imbaghad l-angli qalu lil Lot: "Ara gej kastig kbir fuq Sodoma. Hu lil martek u lil uliedek u ahrab mill-belt biex ma jilhqekx il-kastig. Meta waslu fil-tarf tal-belt l-angli qalu lil Lot: " Igru biex isalvaw hajjitkom u tharsux lura. Aharbu lejn l-gholjiet"

U Lot qalilhom: "Le, Sidi. Ara, s'issa sab hniena f'ghajnejk il-qaddej tieghek, u kbira l-hniena li wrejt mieghi biex salvajtli hajti. Imma jiena ma nistax nahrab lejn l-gholjiet bla ma tilhaqni l-hsara u mmut. Ara, hawn din il-belt fil-qrib, ha nistkenn hemm, belt żghira hi. Halli nahrab u nistkenn hemm - m'hix belt żghira? - u nsalva hajti." U wiegbu:"Ara jien se naqtaghlek xewqtek f'din il-haga wkoll; m'iniex se neqred il-belt li ghedtli. Fittex ahrab hemmhekk, ghax ma nista' naghmel xejn qabel ma tasal hemm." Ghalhekk semmew dik il-belt Soghar.



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

Ix-xemx kienet telghet meta Lot wasal Soghar.  Imbaghad Alla baghat xita ta' nar u kubrit fuq Sodoma u Gomorra u z-zewgt ibliet inqerdu ghal kollox. Il-mara ta' Lot harset lura u dak il-hin saret plier tal-melh.

Wiegeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Ghaliex Alla ried jikkastiga lil Sodoma u Gomorra?
2. Liema kienu l-inqas numru ta' bnedmin tajba li xtaq isib Abraham biex Alla ma jikkastigax l-ibliet hziena?
3. X'riedu n-nies ta' Sodoma minn Lot?
4. X'qalu l-angli lil Lot?
5. X'sar minn mart Lot meta din ma obdietx?